MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Numru. 22/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR GEOFFREY CILIA**

**KONTRA**

**IVAN FALZON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ivan Falzon ta' 34 sena, bin Joseph u Josephine nee' Grech, mwieled Pieta, nhar it- 28 ta' Jannar 1973, u residenti fil- fond Canadian House, Triq it- Tabib J.

Zammit, Balzan , detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 77473(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli b’diversi atti maghmulin, wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiskru l- istess dispozizzjonijiet tal- Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda u cioe;

1) Fit- 30 ta’ Dicembru, 2007 ghall- habta tas-6.00pm, gewwa l- hanut tax- xaghar Cute Looks fi Triq il-Mosta, San Pawl il- Bahar, flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta’ flus kontanti u mobile phone tal-marka Nokia 6085, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza u bil- valur, li ma jeccedix l- elfejn mitejn hamsa u ghoxrin Ewro u sebgha u hamsin centezmi ( € 2325.57) jew l- elf lira Maltin, u li sar ghad- detriment ta’ Tiziana Ghio u Helen Gauci u/jew ta’ persuni ohra;

2) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, bla ordni skond il-Ligi tal- awtorita’ kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- Ligi taghti setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta , zamm jew issekwestra lil Tiziana Ghio u Helen Gauci kontra l- volonta’ taghhom;

3) Aktar tali fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, hedded bil- fomm lill- istess Tiziana Ghio u Helen Gauci b’delitt fejn flimkien ma’ dan it- theddid kien hemm orndi u/ jew kondizzjoni;

4) Talli fit- 3 ta’ Jannar 2008, ghall- habta tal-4.30pm gewwa l- hanut Minorca Shoes fi Triq in- Naxxar, San Gwann, flimkien ma’ persuna ohra , ikkommetta serq ta’ flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza u bil- mez, u li sar ghad- detriment ta’ Gertrude Falzon u l-koppja Ivan u Caroline Debattista u/jew ta’ persuni ohra;

5) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, bla ordni skond il-

Ligi tal- Awtorita’ kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom l- Ligi taghti s- setgha lill-privat li jarresta lill- hati , arresta , zamm jew issekwestra lill- istess Gertrude Falzon u Laura Agius kontra l- volonta’ taghhom;

6) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l- persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan- nar , arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan- nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

7) Ukoll talli fl- istess data, hin , lok u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, garr fuqu strument li jaqta’ u bil- ponta minghajr licenzja mill- Kummissarju tal- Pulizija;

8) Talli fl- 4 ta’ Jannar 2008 ghall- habta tal- 5.00pm gewwa l- ispizerija St. Joseph Pharmacy fi Triq il- Kbira, Hal- Lija, flimkien ma’ persuna ohra, ikkommettiet serq ta’ flus kontanti,liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza u bil- valur, li ma jeccedix l- elfejn mitejn hamsa u ghoxrin Ewro u sebgha u hamsin centezmi (€2325.57) jew l- elf lira Maltin, u li sar ghad- detriment ta’ Wendy Antonia Scicluna, Celia Joel, Agnes Mary Borg Cardona u/ jew ta’ persuni ohra;

9) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, bla ordni skond il- Ligi tal- awtorita’ kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- Ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lill- istess Wendy Antonia Scicluna kontra l- volonta’ taghha;

10) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, immedjatament hawn fuq imsemmija, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l- persuna jew delitt ta’ serq kellu arma tan- nar , arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan- nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

11) Fl- ahharnett, nakkuzawh wkoll talli rrenda ruhu recediv ai terminu tal- Artikolu 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta wara li huwa ga gie misjub hati sa’ serq

permezz ta’ sentenza moghtija mill- Qrati ta’ Malta,liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Semghet lill-partijiet jittrattaw;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti akkuzat li ha sehem fi tlitt “hold ups” flimkien ma’ persuna ohra, u ghalhekk qed jigi akkuzat li wettaq tlitt serqiet aggravati bil-vjolenza, bil-valur u bil-mezz. Flimkien ma’ dawn l-imputazzjonijiet, hemm indikat ukoll li kellu fuqu armi regolari jew irregolari, minghajr permess jew licenzja, u li zamm jew issekwestra lil persuni kontra l-volonta’ taghhom waqt l-istess serqiet, u li hedded lill-persuni hekk issekwestrati. Finalment hu gie akkuzat ukoll li hu recidiv.

Mill-provi prodotti rrizulta li l-imputat flimkien ma’ persuna ohra, certu Silvio Camilleri, wettqu s-serqiet fid-dati u l-hinijiet indikati. Dawn kienu tlitt “hold ups” minn hwienet differenti meta kien hem mil-pubbliku fihom. L-imputat f’ dawn it-tlitt okkazjonijiet akkumpanja lil Camilleri u hu qaghad barra l-hwienet sakemm l-istess Camilleri dahal u seraq l-oggetti indikati. Fl-ebda hin ma dahal gewwa l-hanut u talab xi flus hu. Dan l-agir tal-imputat huwa biz-zejjed biex jitqies bhala komplici f’ dawn ir-reati, u ghalhekk zgur l-imputat ghandu jwiegeb ta’ dan.

Kif il-Qorti qalet qabel, flimkien mal-imputazzjonijiet ta’ serq, hemm ukoll imputazzjonijiet ohra, li l-Qorti sejra tikkunsidra ukoll. Dawn jinkludu pussess ta’ arma, sekwestru ta’ persuni u theddid bil-mewt lill-istess persuni,

u recidiva. Il-Qorti, izda, ma sabet l-ebda prova li tindika li l-imputat jista' jinstab hati ukoll ta' dawn l-imputazzjonijiet l-ohra. Peress illi l-involviment tieghu kien limitat ghal li joqghod barra l-hwienet, presumibbilment biex joqghod ghassa mal-bieb tal-istess hanut, il-Qorti ma tistax tara kif hu seta' hedded lill-prsuni li kienu fil-hwienet indikati, jew li hu ssekwestra lill-istess persuni kontra l-volonta' taghhom. L-istess jista' jinghad fuq il-pussess tal-arma regolari jew irregolari jew li taqta'. Ma ngabet l-ebda prova li waqt it-twettiq tas-serq indikat, hu deher xi hin izomm tali arma jew li nstabet xi arma fuqu. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ghandu jigi lliberat minn dawn l-imputazzjonijiet. Tant hu hekk li l-anqas Artikoli tal-Ligi ghal dawn l-imputazzjonijiet ma gew indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu a fol. 140 tal-process. Semmai seta' kien il-komplici Silvio Camilleri li ssekwestra lill-persuni fil-hwienet waqt is-serqiet imwettqa minnhom, u li forsi kellu fuqu arma, izda m'hux l-imputat. Di fatti Camilleri tressaq separatament quddiem din l-istess Qorti diversament presjeduta, u fuq ammissjoni intbaghat tlitt snin prigunerija.

Kwantu ghar-recidiva, din ukoll ma gietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni. Ma hemm ebda sentenza esebita fil-konfront tal-imputat, u l-fedina penali jidher li l-imputat kien inghata "conditional discharge" fl-2004, li ma tistax titqies bhala kundanna ghall-finijiet tal-imputazzjoni tar-recidiva. Ghaldaqstant ser jigi lliberat ukoll min din l-imputazzjoni.

Ghar-rigward tal-piena, il-Qorti hi tal-fehma li din ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva. Minkejja li l-imputat kien biss komplici f'dawn ir-reati, u l-partecipazzjoni tieghu kienet biss li joqghod ghassa barra l-hwienet li kienu qed jigu misruqa, xorta l-Qorti thoss li ghandu jkun hemm piena li tirrestringi l-liberta' ta' min iwettaq dan it-tip ta' serq.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 275, 277(a)(b), 278, 279, 280, 281, 86, 87(1)(c)(e), 88, 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati tal- ewwel (1), ir- raba’ (4) u t- tmien (8) imputazzjoni bhala komplici, u ghaldaqstant tikkundannah ghal perijodu ta’ sena prigunerija, li minnu jitnaqqas il- perjodu li ghamel taht arrest preventiv.

Il- Qorti ma ssibux hati tat- tieni (2), t- tielet (3), il-hames (5), is- sitt (6), is- sebgha (7), id- disgha (9) u l- ghaxar (10) u l- hdax (11) u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------